**IL-Ħadd**

**L-Ewwel ġimgħa tas-salterju**

## L-EWWEL GĦASAR

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

## INNU

1.
Riesaq il-lejl, Mulejja,
bil-wegħda tal-mistrieħ;
ġa beda s-sema jħammar
fi nżul ix-xemx sabiħ!

2.
Dalwaqt jixirfu l-kwiekeb
filgħoli tas-smewwiet;
dalwaqt il-ħajja torqod,
kull ħoss imut fis-skiet.

3.
Inti, li dejjem tgħammar
fis-sebħ ta' jum bla tmiem,
fid-dlam tal-lejl ħarisna,
xerred fi qlubna s-sliem.

4.
Jagħtuk kull ġieħ il-ħlejjaq,
Mulej, għax int ħanin,
u tridna lkoll madwarek
fix-xirka tal-henjin. Amen.

## SALMODIJA

Ant. 1 Ikun it-talb tiegħi bħal inċens quddiemek, Mulej.

### Salm 140 (141), 1-9

Lilek, Mulej, insejjaħ; fittex għinni! *
Isma' leħni, jiena u nsejjaħlek.
Ikun it-talb tiegħi bħal inċens quddiemek; *
ikunu jdejja merfugħa 'l fuq
bħas-sagrifiċċju filgħaxija.

Qegħedli, Mulej, ilġiem fuq fommi, *
agħmilli l-għassa ma' bieb xufftejja.
Tħallix li qalbi ddur lejn ħwejjeġ ħżiena *

biex jiena nagħmel dak li hu ħażin;
tħallix li nissieħeb ma' nies ħżiena, *
u anqas induq l-ikel bnin tagħhom.
Ħa jsawwatni l-ġust u jċanfarni, *
għax dan jagħmlu mqanqal mit-tjieba.
Imma żejt il-midneb ma jidliklix rasi; *
jien nibqa' nitlob kontra ħżunithom. –

Fuq il-blat jitwaddbu l-kapijiet tagħhom; *
imbagħad jitgħallmu li sabiħ hu kliemi.
Bħall-frak u l-laqx ma' l-art imxerred, *
hekk jitferrex għadamhom mad-daħla ta' qiegħ l-art.

Imma lejk, Mulej Sidi, jiena ndawwar għajnejja, *
fik nistkenn, la tħallinix nintrema.
Ħarisni mix-xibka li firxu għalija, *
min-nassa ta' dawk li jagħmlu l-ħażen.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Amen.

Ant. Ikun it-talb tiegħi bħal inċens quddiemek, Mulej.
Ant. 2 Inti l-kenn tiegħi, Mulej, inti sehmi f'art il-ħajjin.

**Salm 141 (142)**

B'leħen qawwi lill-Mulej insejjaħ, *
b'leħen qawwi lill-Mulej nitlob.
Inressaq quddiemu t-tnehid tiegħi, *
id-dwejjaq tiegħi quddiemu nqiegħed.

X'ħin ruħi ġo fija tinfena, *
int tkun taf minn xiex għaddej.
Fit-triq li fiha nimxi, *
huma ħbew nassa għalija.
Inħares fuq il-lemin, *
u nara li m'hemm ħadd min jagħti kasi;
m'hemmx mnejn nista' naħrab, *
m'hemm ħadd min jieħu ħsiebi.

Lilek, Mulej, insejjaħ; †
ngħidlek: "Inti l-kenn tiegħi, *
inti sehmi f'art il-ħajjin.
Agħti widen għall-għajta tiegħi, *
għax ninsab mitluq għall-aħħar.
Eħlisni minn dawk li daru għalija, *
għax huma aqwa minni. –

Mill-ħabs oħroġni, *
biex inrodd ħajr lil ismek.
Madwari jduru l-ġusti, *
għax int timxi tajjeb miegħi."

Ant. Inti l-kenn tiegħi, Mulej, inti sehmi f'art il-ħajjin.
Ant. 3 Il-Mulej Ġesù ċekken lilu nnifsu, u għalhekk Alla għollieh fil-glorja għal dejjem.

**Kantiku (Fil 2, 6-11)**

Ġesù Kristu li kellu n-natura ta' Alla, *
ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla,
imma tneżża' minn kollox, billi ħa n-natura ta' lsir, †
sar jixbah lill-bniedem *
u deher minn barra bħala bniedem:
ċekken lilu nnifsu, †
billi obda sal-mewt, *
anzi sal-mewt tas-salib.

Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet, *
u żejnu bl-Isem li hu fuq kull isem,
biex fl-isem ta' Ġesù, †
fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art, *
il-ħlejjaq kollha jinżlu għarkubbtejhom,
u kull ilsien jistqarr: †
"Ġesù Kristu hu l-Mulej *
għall-glorja ta' Alla l-Missier."

Ant. Il-Mulej Ġesù ċekken lilu nnifsu, u għalhekk Alla għollieh fil-glorja għal dejjem.

**LEZZJONI QASIRA Rum 11,33-36**

Kemm huma kbar l-għana, l-għerf u l-għaqal ta' Alla! Kemm tassew ħadd ma jista' jgħarbel il-ġudizzji tiegħu u jifhem it-triqat tiegħu! Għax min qatt għaraf moħħ il-Mulej? Min qatt kien il-kunsillier tiegħu? Min qatt kien hu l-ewwel li tah xi ħaġa hekk li jkun ħaqqu l-ħlas tagħha? Kollox ġej minnu, kollox permezz tiegħu, kollox għalih. Lilu l-glorja għal dejjem ta' dejjem! Amen.

**RESPONSORJU QASIR**

R. Kemm huma kbar, Mulej, * L-għemejjel tiegħek. Kemm.
V. Kollha bl-għerf għamilthom, * L-għemejjel tiegħek. Glorja. Kemm.

Ant. tal-kantiku ta' Marija: Dawwal, Mulej, lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,

għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja.**

Ant. tal-kantiku ta' Marija: Dawwal, Mulej, lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt.

**PREĊI**

Nagħtu glorja lil Alla, il-Missier u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, u b'talba umli ngħidulu:
*Mulej ieqaf mal-poplu tiegħek.*
Mulej qaddis, Missier li tista' kollox, agħmel li f'artna ssaltan il-ġustizzja:
- u l-poplu tiegħek jgħammar fil-mistrieħ tas-sliem.
Mexxi l-ġnus kollha lejn is-saltna tiegħek:
- wassal il-popli kollha fis-salvazzjoni.
Għin lill-miżżewġin biex jgħixu kif jogħġob lilek u żommhom fis-sliem tiegħek:
- saħħaħhom dejjem fl-imħabba ta' xulxin.
Agħti ħlas sabiħ lil dawk kollha li jagħmlulna l-ġid:
- tkun il-ħajja ta' dejjem il-premju tagħhom.
Ħenn għal dawk li tilfu ħajjithom ħtija tal-mibegħda u l-gwerer:
- ilqagħhom fil-mistrieħ tas-sema.

**Missierna**

**Talba mill-Proprju taż-żmien.**

**Għeluq**

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
**Amen.**